Il-Kummissjoni Ewropea



# Gwida Prattika –

## Il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli f’kuntratti internazzjonali konklużi minn konsumaturi

*Ġustizzja u Konsumaturi*

Il-manuskritt tlesta f'2018

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

**Photo credits:**
P. 3: © iStock.com/ seb_ra
P. 6: © iStock.com/ Poike
P. 8: © iStock.com/ ipopba
P. 11: © iStock.com/ Rawpixel Ltd

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-79-81546-1 | doi:10.2838/066698 | DS-04-18-306-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-79-81575-1 | doi:10.2838/368116 | DS-04-18-306-MT-N |

# Werrej

**L-għan u l-istatus ġuridiku tal-Gwida Prattika** ..................... 2

**I. Introduzzjoni** ..................... 3

**II. Materji koperti minn din il-Gwida** ..................... 6
Kuntratti konklużi minn konsumaturi koperti mill-Gwida .... 6
X'inhu "konsumatur" fis-sens tar-regolamenti Brussell I/Ruma I? ..................... 6
X'tip ta' kummerċjanti tkopri din il-Gwida? ..................... 7

**III Liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' t-tilwim tal-kuntratt konkluż minn konsumatur?** ..................... 8
Meta l-konsumatur huwa rikorrent ..................... 8
Meta l-konsumatur ikun il-konvenut ..................... 8
Meta jkun hemm ftehim dwar l-għażla tal-qorti ..................... 9
Determinazzjoni tas-sede tal-kummerċjant ..................... 10

**IV. Liema liġi tapplika għat-tilwim tal-kuntratt konkluż minn konsumatur?** ..................... 11
L-awtonomija limitata tal-parti ..................... 11
Id-dritt applikabbli meta ma ssir l-ebda għażla ..................... 12
Liema kuntratti mhumiex koperti mill-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament Ruma I ..................... 12
X'inhu kopert mid-dritt applikabbli? ..................... 13

**V. Ġurisprudenza** ..................... 14
Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE ..................... 14
Ġurisprudenza nazzjonali magħżula ..................... 17

**VI. Konklużjonijiet ġenerali** ..................... 20

# L-għan u l-istatus ġuridiku tal-Gwida Prattika

Il-gwida prattika hi maħsuba biex tagħti ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet legali rilevanti u l-ġurisprudenza dwar materji ta' ġurisdizzjoni u dritt applikabbli (internazzjonali) dwar tilwim relatat ma' kuntratti konklużi minn konsumaturi. L-għan ewlieni ta' din il-gwida huwa li tassisti lil minn jipprattika fil-qasam fil-ħidma tiegħu. Hija ma għandhiex l-għan li tkun komprensiva u hi mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni awtoritattiva mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) tal-istrumenti legali msemmija f'din il-Gwida.

# I. Introduzzjoni

Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) (UE) Nru 1215/2012[1] u r-Regolament Ruma I (KE) Nru 593/2008[2] jinkludu dispożizzjonijiet speċjali biex jiddeterminaw l-Istat(i) Membru(i) li l-qrati tagħhom ikollhom ġurisdizzjoni fuq tilwim relatat ma' kuntratti konklużi minn konsumaturi u d-dritt applikabbli għal tali kuntratti. Dawn id-dispożizzjonijiet speċjali jidderogaw minn prinċipji ġenerali dwar il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli bil-għan li jipproteġu lill-konsumaturi bħala l-parti l-aktar dgħajfa tal-kuntratt. B'mod ġenerali, dawn id-dispożizzjonijiet speċjali jippermettu li l-parti protetta tiġi mħarrka biss fil-qrati tad-domiċilju tiegħu/tagħha, iżda jagħtu lil din il-parti l-għażla tal-ġurisdizzjoni meta hija tkun ir-rikorrent.

Min-naħa l-oħra, il-partijiet ta' kuntratt konkluż minn konsumatur, fil-prinċipju, għandhom awtonomija kuntrattwali biex jagħżlu d-dritt applikabbli (soġġett għal xi protezzjoni minima tal-konsumatur skont il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu jew tagħha) u, b'mod aktar limitat, il-ġurisdizzjoni (ara t-Taqsimiet III u IV hawn taħt). Dan ifisser li, f'każ ta' tilwim, it-termini tal-kuntratt konkluż minn konsumatur dejjem jirrappreżentaw il-punt ta' tluq għad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli u tal-ġurisdizzjoni.

F'tilwim bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, il-fattur ta' konnessjoni ewlieni fir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)



[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

u r-Regolament Ruma I li jgħaqqad it-tilwima ma' qorti partikolari u dritt applikabbli partikolari huwa l-post fejn il-konsumatur huwa domiċiljat jew għandu r-residenza abitwali tiegħu. Il-konsumatur għandu aċċess għall-qrati fl-Istat Membru fejn huwa domiċiljat u l-liġi tal-Istat Membru fejn huwa għandu r-residenza abitwali tiegħu, b'mod ġenerali tapplika biex issolvi t-tilwim.

Ir-regoli speċifiċi dwar il-ġurisdizzjoni japplikaw għal kuntratti għall-bejgħ ta' beni b'termini ta' kreditu parzjali, għal kuntratti għal self pagabbli b'pagamenti akkont, jew għal kull forma ta' kreditu li ssir biex jiġi ffinanzjat il-bejgħ ta' beni. Barra minn hekk, kemm ir-regoli tal-ġurisdizzjoni kif ukoll dawk tad-dritt applikabbli japplikaw għall-kuntratti li ġew konklużi ma' persuna li timpenja ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fil-pajjiż ta' domiċilju jew ta' residenza abitwali tal-konsumatur, jew, b'xi mod tindirizza dawk l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż u l-kuntratt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tali attivitajiet. L-idea li "tindirizza l-attivitajiet" lejn pajjiż ieħor hija għalhekk ta' rilevanza prattika konsiderevoli u wasslet għal xi ġurisprudenza tal-QtĠ-UE (ara t-Taqsima V hawn taħt).

## Il-Kronoloġija tar-Regolament Brussell I u r-Regolament Ruma I

### Ir-Regolament Brussell I

- 1968 Il-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali. Il-verżjoni oriġinali tal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 kienet tinkludi taqsima dwar il-ġurisdizzjoni f'materji relatati mal-bejgħ u s-self parzjali li ma spjegatx li tapplika b'mod ċar għall-kuntratti konklużi minn konsumaturi. Inizjalment, din ir-regola dwar il-ġurisdizzjoni kienet tapplika biss għal kuntratti għal bejgħ u self parzjali. Għal kuntratti konklużi minn konsumaturi oħra, kienu japplikaw ir-regoli ġenerali, li jipprevedu l-ġurisdizzjoni tal-qorti fil-post ta' prestazzjoni tal-obbligu inkwistjoni (l-Artikolu 5(1)). Madanakollu, il-QtĠ-UE, fil-ġurisprudenza tagħha, interpretat din ir-regola b'mod awtonomu, biex tinkludi lill-"konsumaturi aħħarija privati". Dan l-approċċ ġurisprudenzjali ġie inkluż iktar tard fil-verżjoni emendata tal-Konvenzjoni ta' Brussell (bid-data tal-1978) u, aktar tard, fir-Regolament Brussell I (44/2001/KE);

- Il-Konvenzjoni tal-1978 dwar l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit għall-Konvenzjoni ta'

Brussell tal-1968: f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE u mal-abbozz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni futura ta' Ruma dwar id-dritt applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali, it-Taqsima 4 tal-Konvenzjoni ta' Brussell ġiet emendata biex minn dak iż-żmien 'il quddiem tinkludi l-kuntratti konklużi minn konsumaturi;

- it-22 ta' Diċembru 2000: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ipprovda żewġ bidliet importanti: il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-Taqsima 4 ġew simplifikati, filwaqt li t-Taqsima saret applikabbli għal kuntratti ta' vaganzi kollox kompriż;

- l-10 ta' Jannar 2015: f'dik id-data r-Regolament Brussell I (44/2001/EC) ġie sostitwit bir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) (1215/2012/UE). Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) japplika għal proċedimenti li bdew fl-10 ta' Jannar 2015 jew wara din id-data; ir-Regolament 44/2002/KE jkompli japplika għall-proċedimenti li nbdew qabel dik id-data. Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) introduċa bidla importanti, jiġifieri wessa' l-protezzjoni mogħtija lill-konsumaturi anke f'sitwazzjonijiet fejn il-kummerċjant għandu s-sede tiegħu barra mill-Unjoni Ewropea.

**Ir-Regolament Ruma I**

- Il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 dwar id-dritt applikabbli għal obbligi kuntrattwali: il-Konvenzjoni kienet tinkludi dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward tad-dritt applikabbli għal kuntratti konklużi minn konsumaturi;

- is-17 ta' Ġunju 2008: Ir-Regolament Ruma I jissostitwixxi l-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 u jissimplifika l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-dritt applikabbli għall-kuntratti konklużi minn konsumaturi, f'konformità mal-bidliet fir-Regolament Nru 44/2001 fir-rigward tal-ġurisdizzjoni f'tali kuntratti. Il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 għadha tapplika għad-Danimarka permezz tal-esklużjoni fakultattiva mill-istrumenti tal-ġustizzja ċivili inkluż ir-Regolament Ruma I, kif ukoll għal xi territorji extra-Ewropej tal-Istati Membri li mhumiex meqjusa territorji tal-UE skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Ir-Regolament Ruma I japplika għall-kuntratti konklużi wara s-17 ta' Diċembru 2009.

Sa fejn id-dispożizzjonijiet f'dawn l-istrumenti ma ġewx mibdula, il-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet differenti tibqa' valida.

# II. Materji koperti minn din il-Gwida

## → Kuntratti konklużi minn konsumaturi koperti mill-Gwida

Din il-Gwida tkopri biss materji ċivili u kummerċjali, u ma tirrigwardax materji bħal dħul, materji doganali u materji amministrattivi li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Brussell I u Ruma I.

Il-Gwida tiffoka biss fuq id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati u tad-dritt applikabbli f'kuntratti konklużi minn konsumaturi b'element transfruntier, li jinqabdu mir-reġimi tar-Regolamenti Brussell I u Ruma I, u teskludi materji ta' dritt sostantiv.

## → X'inhu "konsumatur" fis-sens tar-regolamenti Brussell I/Ruma I?

Skont ir-Regolamenti Brussell I u Ruma I, parti ta' kuntratt għandha titqies intitolata għall-protezzjoni speċjali mogħtija lill-konsumaturi jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż għal fini "[li] tista' titqies bħala li tkun barra n-negozju jew professjoni tagħha". Filwaqt li għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell I (ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni), il-konsumatur għandu jkun domiċiljat fi Stat Membru tal-UE, għall-applikazzjoni tar-regoli dwar id-dritt applikabbli (ir-Regolament Ruma I) il-konsumatur jista' jkollu r-residenza abitwali tiegħu ġewwa l-UE jew barra minnha. Il-QtĠ-UE interpretat dan it-terminu f'diversi każijiet, l-aktar rilevanti fosthom huma ppreżentati hawn taħt fit-Taqsima V.



## ➔ X'tip ta' kummerċjanti tkopri din il-Gwida?

Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni u d-dritt applikabbli koperti minn din il-gwida jkopru l-kuntratti konklużi minn konsumaturi fejn il-parti l-oħra tal-kuntratt hija kummerċjant. Filwaqt li r-regoli dwar id-dritt applikabbli għandhom applikazzjoni universali, u b'hekk japplikaw irrispettivament minn jekk is-sede tal-kummerċjant ikunx ġewwa l-UE jew barra minnha, is-sitwazzjoni fil-każ tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni hija aktar kumplessa. Filwaqt li għall-proċedimenti mibdija qabel l-10 ta' Jannar 2015, ir-regoli protettivi tar-Regolament Brussell I japplikaw biss għall-kummerċjanti li għandhom is-sede tagħhom jew fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE, għall-proċedimenti mibdija wara dik id-data dawk ir-regoli japplikaw għall-kummerċjanti, mingħajr l-ebda rekwiżit rigward is-sede tagħhom.

# III Liema qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' t-tilwim tal-kuntratt konkluż minn konsumatur?

## → Meta l-konsumatur huwa rikorrent

Skont ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)[3] konsumatur-rikorrent jista' jagħżel jew li jħarrek fl-Istat Membru fejn tkun domiċiljata l-parti l-oħra, jekk il-parti l-oħra jkollha s-sede tagħha fl-UE, jew, irrispettivament mis-sede tal-parti l-oħra fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz, quddiem il-qrati fil-post fejn hu jkun domiċiljat. Għall-każ preċedenti, ir-Regolament jistabbilixxi ġurisdizzjoni internazzjonali biss u hija l-liġi proċedurali nazzjonali ta' dak l-Istat li għandha tindika l-ġurisdizzjoni lokali tal-qorti preċiża fejn għandu jsir is-smigħ. Għall-każ tal-aħħar, ir-Regolament jistabbilixxi kemm ġurisdizzjoni internazzjonali kif ukoll lokali, li jfisser li l-konsumatur jista' jħarrek biss fil-post ta' domiċilju tiegħu.

[3] L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) jaqra kif ġej:
1. Konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-parti l-oħra tal-kuntratt fil-qrati tal-Istat Membru li fih tkun domiċiljata dik il-parti jew, irrispettivament mid-domiċilju tal-parti l-oħra, fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur.

## → Meta l-konsumatur ikun il-konvenut

Meta jinbdew proċedimenti kontra l-konsumatur, il-qrati tal-Istat Membru fejn il-konsumatur ikun domiċiljat għandhom



ġurisdizzjoni. F'dan il-każ, ir-Regolament[4] jistabbilixxi ġurisdizzjoni internazzjonali biss u hija l-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru li għandha tindika b'mod preċiż il-ġurisdizzjoni lokali. Ir-Rapport Jenard li jakkumpanja l-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 jagħmilha ċara li l-ħin materjali għall-istabbiliment tad-domiċilju tal-konsumatur huwa meta jingħata bidu għall-proċedimenti.

Fiż-żewġ sitwazzjonijiet deskritti hawn fuq, meta l-konsumatur ikun rikorrent jew konvenut, il-parti l-oħra għandha d-dritt li tressaq kontrotalba quddiem il-qorti fejn it-talba oriġinali tkun pendenti[5].

## ➔ Meta jkun hemm ftehim dwar l-għażla tal-qorti

Il-kuntratti konklużi minn konsumaturi jistgħu jinkludu wkoll ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti. Madankollu, tali ftehimiet huma validi biss jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 19 tar-Regolament Brussell I[6].

F'konformità mal-ewwel paragrafu, tali ftehim huwa validu jekk jiġi konkluż "wara li tkun seħħet it-tilwima". Ir-Rapport Jenard jagħmilha ċara li tilwima sseħħ "hekk kif il-partijiet ma jaqblux dwar punt speċifiku u l-proċedimenti legali jkunu imminenti jew kontemplati".

Sitwazzjoni addizzjonali fejn ftehim dwar l-għażla tal-qorti inkluż f'kuntratt konkluż minn konsumatur ikun validu meta jagħti lill-konsumatur alternattivi addizzjonali fejn iressaq azzjoni apparti dawk li huma diġà għad-dispożizzjoni tiegħu (il-paragrafu 2 tal-Artikolu 19).

Fl-aħħar nett, il-paragrafu 3 tal-Artikolu 19 jippermetti lill-partijiet ta' kuntratt konkluż minn konsumatur li jidħlu fi ftehim

[4] L-Artikolu 18(2) tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) jaqra kif ġej:
2. Jistgħu jitressqu proċedimenti kontra konsumatur mill-parti l-oħra tal-kuntratt biss fil-qrati tal-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konsumatur.

[5] L-Artikolu 18(3) tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) jaqra kif ġej:
3. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa d-dritt li titressaq kontrotalba fil-qorti li fiha, skont din it-Taqsima, tkun pendenti t-talba oriġinali.

[6] L-Artikolu 19 tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) jaqra kif ġej:
Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:
(1) li jkun seħħ wara li tkun qamet it-tilwima;
(2) li jippermetti lill-konsumatur li jressaq proċedimenti fi qrati apparti minn dawk indikati f'din it-Taqsima; jew
(3) li jkun seħħ mill-konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt li t-tnejn li huma fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, dment li ftehim bħal dak ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

tal-għażla tal-qorti bħal dan fejn it-tnejn li huma jkollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess Stat Membru u l-ftehim jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta’ dak l-Istat Membru, dment li ftehim bħal dan ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta’ dak l-Istat Membru. Ir-rilevanza prattika ta’ din id-dispożizzjoni hija għas-sitwazzjoni fejn, wara l-konklużjoni tal-ftehim tal-għażla tal-qorti, il-konsumatur imur jirrisjedi fi Stat Membru ieħor.

## ➔ Determinazzjoni tas-sede tal-kummerċjant

Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) (l-Artikolu 63) jipprevedi li meta l-kummerċjant ikun kumpanija jew persuna ġuridika dan ikun domiċiljat fil-post fejn ikollu:

➔ is-sede statutorja; jew

➔ l-amministrazzjoni ċentrali jew

➔ il-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

B’hekk il-kumpanija tkun domiċiljata fl-UE anki meta post wieħed biss minn dawn ikun fl-UE.

Meta l-kummerċjant ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru iżda jkollu “fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor” fi Stat Membru, il-kummerċjant għandu, f’tilwimiet li jinqalgħu mill-operazzjonijiet ta’ dik il-fergħa, aġenzija jew stabbiliment, ikun meqjus li jkun domiċiljat hemm (l-Artikolu 17(2)).

# IV. Liema liġi tapplika għat-tilwim tal-kuntratt konkluż minn konsumatur?

## ➔ L-awtonomija limitata tal-parti

Ir-Regolament Ruma I jippermetti lill-partijiet ta' kuntratt konkluż minn konsumatur jagħżlu l-liġi li tkun se tirregola kull mistoqsija rigward il-kuntratt iżda jissottometti tali għażla għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet obbligatorji mmirati lejn il-protezzjoni tal-konsumatur bħala l-parti l-aktar dgħajfa f'kuntratt[7].

Bl-istess mod, jekk liġi oħra li mhix il-liġi tal-konsumatur tintgħażel mill-partijiet bħala d-dritt applikabbli, skont l-Artikolu 6(2) ċerti regoli tal-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu jibqgħu japplikaw, b'mod partikolari meta:



[7] L-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament Ruma I jaqra kif ġej:
(1) Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, kuntratt konkluż minn persuna fiżika għal skop li jista' jitqies bħala mhux relatat mas-sengħa jew professjoni tagħha (il-konsumatur), ma' persuna oħra li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tagħha (il-professjonist) għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li:
(a) il-professjonist jeżerċita l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali tiegħu fil-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew
(b) bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż, u li l-kuntratt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
(2) Minkejja l-paragrafu 1, il-partijiet jistgħu jagħżlu d-dritt applikabbli għal kuntratt li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, skont l-Artikolu 3. Tali għażla, madankollu, ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu minn dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas tal-għażla, kienet tkun applikabbli abbażi tal-paragrafu 1.

➔ dawk ir-regoli dwar id-dritt kuntrattwali taħt il-liġi tal-pajjiż fejn ikun jirrisjedi l-konsumatur ikunu aktar favorevoli għall-konsumatur mir-regoli dwar id-dritt kuntrattwali taħt id-dritt applikabbli magħżula mill-partijiet; kif ukoll

➔ dawk ir-regoli dwar il-liġi kuntrattwali jimmiraw b'mod speċifiku li jipproteġu lill-konsumaturi u ma jistgħux jiġu derogati permezz ta' ftehim.

## ➔ Id-dritt applikabbli meta ma ssir l-ebda għażla

Meta l-partijiet ma jagħżlu l-ebda liġi, f'ċerti sitwazzjonijiet il-konsumatur, skont l-Artikolu 6(1), se jibbenefika mill-applikazzjoni tal-liġi tal-pajjiż fejn hu jkollu r-residenza abitwali tiegħu. Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli huma dawn li ġejjin:

➔ Il-kummerċjant:
  ➔ jeżerċita l-attivitajiet kummerċjali tiegħu fil-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jew
  ➔ bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż

➔ li l-kuntratt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq;

L-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I japplika irrispettivament minn jekk il-kummerċjant ikun stabbilit fl-UE jew le.

## ➔ Liema kuntratti mhumiex koperti mill-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament Ruma I

Ir-regoli applikabbli għall-kuntratt konklużi minn konsumaturi, kif stipulat fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament Ruma I, ma japplikawx għal ċerti tipi ta' kuntratti elenkati b'mod ċar fl-Artikolu 6(4)[8].

[8] "(a) kuntratti għall-forniment ta' servizzi fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklussivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu;
(b) kuntratt tat-trasport divers minn kuntratt relatat ma' vjaġġ b'kollox kompriż fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż, il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż;
(c) kuntratt relatat ma' dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew ma' kiri ta' proprjetà immobbli divers minn kuntratt relatat ma' dritt ta' użu ta' proprjetajiet immobbli fuq bażi ta' timeshare fis-sens tad-Direttiva 94/47/KE;
(d) drittijiet u obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu strument finanzjarju u drittijiet u obbligazzjonijiet li jikkostitwixxu t-termini u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ jew l-offerta lill-pubbliku u offerti pubbliċi ta' take-over ta' titoli trasferibbli, u s-sottoskrizzjoni u l-fidwa ta' unitajiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv sa fejn dawn l-attivitajiet ma jikkostitwixxux forniment ta' servizz finanzjarju;
(e) kuntratt konkluż fi ħdan it-tip ta' sistema li taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 4(1)(h)."

## ➔ X'inhu kopert mid-dritt applikabbli?

L-Artikolu 12 tar-Regolament Ruma I jinkludi lista mhux eżawrjenti ta' materji li huma rregolati mid-dritt applikabbli ddeterminat skont dan ir-Regolament. Fost il-materji rregolati hemm: l-interpretazzjoni, il-prestazzjoni, il-konsegwenzi ta' ksur tal-obbligi, inklużi d-danni, id-diversi modi kif jiġu terminati l-obbligi, u l-konsegwenzi tan-nullità tal-kuntratt.

Ir-Regolament jinkludi wkoll regoli ta' kunflitt li jiddeterminaw l-eżistenza u l-validità ta' kuntratt jew ta' kwalunkwe terminu tiegħu (l-Artikolu 10), il-validità formali ta' kuntratt (l-Artikolu 11) u l-inkapaċità (l-Artikolu 13).

# V. Ġurisprudenza

## ➔ Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE

### L-idea ta' "konsumatur"

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkjarifikat dan il-kunċett billi qalet li l-protezzjoni tapplika għall-"konsumaturi aħħarija privati" (il-Kawża 150/77, *Bertrand*)[9]. Aktar tard il-Qorti kkonkludiet li l-protezzjoni mogħtija lill-konsumaturi tkopri wkoll il-kuntratti konklużi biss minn individwi sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-konsum u ma tistax tkopri l-kumpaniji u l-persuni ġuridiċi (il-Kawża C-269/95, *Benincasa*). Il-protezzjoni mogħtija tista' tiġi invokata biss mill-konsumatur innifsu, u mhux minn rikorrent li jaġixxi fl-eżerċitar tas-sengħa jew l-attività professjonali tiegħu li lilu l-konsumatur ikun assenja d-drittijiet tiegħu (il-Kawża C-89/91, *Shearson Lehmann Hutton*). Fl-aħħar nett, il-QtĠ iddeċidiet li d-definizzjoni ta' konsumatur trid tingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi mal-Unjoni kollha (C-508/12, *Vapenik*).

[9] Il-kawżi tal-QtĠ-UE huma disponibbli fuq is-sit web tal-QtĠ-UE, fuq http://curia.europa.eu/jcms/jcms/j_6/

- Skont din is-sentenza, trid titqies, b'mod partikolari, id-definizzjoni ta' konsumatur fi strumenti differenti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-Regolament Brussell I, ir-Regolament Nru 805/2004 tal-21 ta' April 2014 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.

- Il-Qorti kkonkludiet li: *"Inkunsiderazzjoni tal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi previst fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmijin iktar 'il fuq, li huwa intiż li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn il-partijiet fil-kuntratti konklużi bejn konsumatur u professjonist, l-applikazzjoni tagħhom ma tistax tiġi estiża għal persuni li fir-rigward tagħhom din il-protezzjoni mhijiex ġustifikata."*

- Għalhekk, ir-regoli għal ġurisdizzjoni speċjali u d-dritt applikabbli fuq kuntratti konklużi minn konsumaturi ma jistgħux jiġu applikati la għal kuntratti konklużi bejn żewġ persuni impenjati f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali u lanqas għal kuntratti konklużi bejn żewġ persuni mhux impenjati f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali (il-paragrafi 32 u 33 tas-sentenza msemmija hawn fuq).

## L-idea tal-"indirizzar tal-attivitajiet"

Il-protezzjoni speċjali tal-konsumaturi kemm tar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) u r-Regolament Ruma I tapplika jekk il-kummerċjant ikun "indirizza l-attivitajiet tiegħu" lejn l-Istat Membru tal-konsumatur fis-sens tal-Artikoli 17(1)(c) tar-Regolament Brussell I u 6(1) tar-Regolament Ruma I. F'dak ir-rigward, il-premessa 24 ta' Ruma I tirreferi għal konsistenza fl-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni sostantiv bejn ir-regoli fi Brussell I u f'Ruma I, b'mod speċifiku fir-rigward tal-kunċett tal-"indirizzar tal-attivitajiet". Dan ifisser li l-ġurisprudenza ppreżetnata hawn taħt tapplika kemm għal mistoqsijiet ta' ġurisdizzjonijiet, kif ukoll għal mistoqsijiet ta' dritt applikabbli[10].

Il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet gwida dwar kif tiġi interpretata l-idea tal-"indirizzar tal-attivitajiet" lejn xi Stat Membru. Fis-sentenza monumentali tagħha *Pammer/Alpenhof* (il-Kawżi Magħquda C-585/08 u C-144/09), il-Qorti kellha tiddeċiedi jekk l-aċċessibbiltà ta' sit tal-internet hix biżżejjed biex jiġi preżunt li

[10] Meta matul il-kummerċ elettroniku l-kuntratt ma' konsumatur jiġi konkluż, il-kummerċjant għandu jinforma lill-konsumatur li skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I huwa jgawdi mill-protezzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tad-dritt li tkun applikabbli fl-assenza tal-għażla tad-dritt (sentenza fil-Kawża C-191/15 *Verein für Konsumenteninformation*).

l-kummerċjant indirizza l-attività tiegħu lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament Brussell I.

Il-Qorti ddeċidiet li s-sempliċi aċċessibbiltà ta' sit tal-internet fi Stat Membru partikolari mhix biżżejjed biex jiġi stabbilit li l-kummerċjant ikun indirizza l-attività tiegħu lejn dak l-Istat Membru. B'kuntrast ma' dan, biex dan jiġi stabbilit, fid-dawl tas-siti web u l-attività globali tal-kummerċjant, irid jiġi aċċertat li qabel il-konklużjoni ta' xi kuntratt mal-konsumatur, il-kummerċjant kien qed jipprevedi li jidħol f'negozju mal-konsumaturi domiċiljati f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar, inkluż l-Istat Membru tad-domiċilju ta' dak il-konsumatur.

Il-Qorti żviluppat lista ta' kriterji li jistgħu jintużaw bħala indikazzjoni ta' tali intenzjoni:

- ➔ in-natura internazzjonali tal-attività,
- ➔ referenza għall-itinerarji minn Stati Membri oħra għat-tluq lejn il-post fejn huwa stabbilit il-kummerċjant,
- ➔ l-użu ta' lingwa jew munita minbarra l-lingwa jew il-munita li b'mod ġenerali tintuża fl-Istat Membru tal-kummerċjant bil-possibbiltà li r-riżerva/l-ordni ssir jew tiġi kkonfermata b'dik il-lingwa l-oħra,
- ➔ referenza għan-numri tat-telefown b'kodiċi internazzjonali,
- ➔ in-nefqa fuq servizz ta' referenza tal-internet sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-sit tal-kummerċjant jew dak tal-intermedju tiegħu minn konsumaturi domiċiljati fi Stati Membri oħra,
- ➔ l-użu ta' isem ta' dominju tal-ogħla livell minbarra dak tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-kummerċjant, u
- ➔ referenza għal klijentela internazzjonali magħmula minn konsumaturi domiċiljati f'diversi Stati Membri.
- ➔ Madankollu, l-elementi li ġejjin ma jikkostitwixxux biżżejjed evidenza għal tali intenzjoni:
- ➔ is-sempliċi aċċessibbiltà tas-sit web tal-kummerċjant jew tal-intermedjarju fl-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konsumatur, jew
- ➔ l-indirizz elettroniku u dettalji ta' kuntatt oħra, jew
- ➔ l-użu ta' lingwa jew munita li jkunu l-lingwa u/jew il-munita li ġeneralment jintużaw fl-Istat Membru tal-kummerċjant.

F'*Mühlleitner* (C-190/11) il-Qorti ddeċidiet li ma hemmx bżonn li l-kuntratt jiġi konkluż mill-bogħod, iżda li dan jista' jitqies meta tingħata ħarsa lejn il-fatturi kollha rilevanti meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk il-kummerċjant jindirizzax l-attivitajiet lejn xi Stat Membru.

F'*Emrek* (C-218/12), il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament Brussell I (l-Artikolu 17(1)(c) tal-verżjoni riformulata) ma jitlobx rabta ta' kawżalità bejn sit tal-internet u l-konklużjoni tal-kuntratt. Madankollu, rabta ta' kawżalità bħal din tikkostitwixxi evidenza tal-konnessjoni bejn il-kuntratt u attività kummerċjali jew professjonali indirizzata lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur.

## ➔ Ġurisprudenza nazzjonali magħżula

### Franza

Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2005 (l-Awla Ċivili 1, it-12 ta' Lulju 2005, 02-13960), il-Qorti tal-Kassazzjoni kkjarifikat l-idea ta' *"passi neċessarji għall-konklużjoni tal-kuntratt"* prevista fl-Artikolu 13(3)(b), tal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali.

Skont il-Qorti tal-Kassazzjoni, fil-każ ta' konsumatur stabbilit fi Franza, b'rispons għal reklam ippubblikat f'gazzetta f'dak il-pajjiż għall-bejgħ ta' beni tanġibbli minn kumpanija li l-kwartier ġenerali tagħha jinsab f'pajjiż ieħor, il-Ġermanja f'dan il-każ, it-tweġiba għall-offertà magħmula b'mod speċjali mat-teħid tal-miżura għat-tfassil ta' pjanijiet u speċifikazzjonijiet, li hija l-prerekwiżit indispensabbli għall-kuntratt, hija *"pass neċessarju għall-konklużjoni tal-kuntratt"* fis-sens tal-Artikolu 13(3)(b) tal-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968, li tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti tal-post ta' residenza tal-konsumatur, dment li din it-tweġiba tinftiehem bħala dikjarazzjoni li tesprimi l-intenzjoni tal-konsumatur li jaġixxi dwar dan ir-reklam.

Għalhekk, l-espressjoni *"fażijiet neċessarji għall-konklużjoni ta' kuntratt"* fis-sens tal-Artikolu 13(3)(b) ma tirreferix b'mod ċar għal att li jwassal direttament għall-konklużjoni tal-kuntratt **iżda wkoll għal att li twettaq qabel l-aċċettazzjoni tal-kuntratt, meta turi l-intenzjoni tal-konsumatur li jsegwi l-proposta magħmula b'mod speċjali u li hi tikkostitwixxi prerekwiżit indispensabbli għall-kuntratt**.

Fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar id-dritt applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, il-Qorti tal-Kassazzjoni ddeċidiet li, fl-assenza ta' għażla espliċita mill-partijiet dwar id-dritt applikabbli, il-liġi Franċiża tkun applikabbli meta l-bejgħ bieb

bieb ikun seħħ fid-domiċilju tal-konsumatur Franċiż (il-Kamra Ċivili 1, it-12 ta' Lulju 2005, 02-16915).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni enfasizzat li l-kuntratt inkwistjoni kien għall-provvista tas-servizzi u li l-ilmentatur ġie avviċinat bħala konsumatur fid-domiċilju tiegħu fi Franza, fejn hu kien iffirma l-kuntratt. Sakemm l-għażla mill-partijiet tal-liġi Ġermaniża ma tkunx espliċita, għandha tiġi applikata l-liġi Franċiża fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, li tipprovdi li: "Fejn *jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li, fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi, il-kuntratt huwa manifestament aktar marbut ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.*

Għalhekk, **f'din is-sentenza l-Qorti tal-Kassazzjoni żżomm perspettiva restrittiva tal-manifestazzjoni tal-għażla tad-dritt applikabbli. Hija timponi għażla "espliċita"**, filwaqt li l-Artikolu 3 li jirreferi għall-Artikolu 5(2) jippermetti għażla li "*tkun manifestata b'mod ċar permezz tat-termini tal-kuntratt jew taċ-ċirkostanzi tal-każ.*" F'dan ir-rigward, ir-Regolament Ruma I tas-17 ta' Ġunju 2008 illimita l-possibbiltà tal-għażla tad-dritt applikabbli lill-kuntratti konklużi minn konsumaturi (l-Artikolu 6) sabiex jintlaħaq livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi ogħla.

## Il-Ġermanja

### Il-Qorti Suprema Federali (BGH), deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2017 – il-Kawża nru.: IX ZR 67/16

L-oriġini tal-assi ma għandhiex rwol fir-rigward tal-materja dwar jekk persuna fiżika tikkonkludix kuntratt għall-finijiet ta' attivitajiet kummerċjali jew professjonali. Inkella l-ġurisdizzjoni fuq il-kuntratti konklużi minn konsumaturi ma tkunx possibbli spiss minħabba li f'ħafna każijiet l-assi joriġinaw minn attivitajiet kummerċjali. Il-konklużjoni aktar tard ta' kuntratt bejn konsumatur u kummerċjant jeħtieġ li ma tkunx motivata mill-attivitajiet tal-kummerċjant li ġew indirizzati lill-Istat Membru tal-konsumatur. Konsumatur ma jitlifx il-ġurisdizzjoni fuq il-kuntratti konklużi minn konsumaturi f'każijiet fejn is-sieħeb kuntrattwali jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu mill-kuntratt għal parti terza.

### Il-Qorti Suprema Federali (BGH), deċiżjoni tal-24 ta' April 2013 – il-Kawża nru.:XII ZR 10/10

Din is-sentenza tirrigwarda kawża fejn konsumatur Olandiż ikkonkluda kuntratt li jikkonċerna l-kiri ta' mowbajl. Il-konsumatur sar konxju tan-negozju tal-kummerċjant permezz tal-paġna ewlenija fejn kienet tinsab deskrizzjoni tar-rotta mir-reġjun tal-fruntiera fin-Netherlands għall-post fil-Ġermanja u f'diversi

postijiet: "*Wij spreken Nederlands*!" (li tfisser "aħna nitkellmu bl-Olandiż"). Il-kuntratt innifsu ġie konkluż fil-post tal-kummerċjant Ġermaniż. Il-Qorti Suprema Federali ddeċidiet li l-applikabbiltà tal-Artikolu 15 tar-Regolament 44/2001 ma titlobx li l-kuntratt bejn il-konsumatur u l-kummerċjant ġie konkluż mill-bogħod.

## Il-Qorti Suprema Federali (BGH), deċiżjoni tat-30 ta' Marzu 2006 – il-Kawża nru.: VII ZR 249/04

F'każ li kummerċjant ikun marbut ma' konsumatur fuq il-bażi ta' kuntratt tas-servizzi reċiproku biex jeżerċita attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tal-konsumatur għall-ewwel darba, dan il-kuntratt ta' servizz, ma jiġix konkluż fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tal-konsumatur skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 44/2001. L-Artikolu 15 tar-Regolament 44/2001 jitlob li dak il-kummerċjant ikun diġà eżerċita jew indirizza l-attivitajiet kummerċjali jew professjonali tiegħu lejn l-Istat Membru tal-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt mal-konsumatur.

# VI. Konklużjonijiet ġenerali

Il-qorti vestita b'talba kontra l-kummerċjant dwar kuntratt konkluż minn konsumatur trid tagħmel l-analiżi li ġejja.

## Ġurisdizzjoni

➔ *It-tilwima tirrigwarda kuntratt konkluż minn konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament 1215/2012?*

Jekk IVA, għandi l-ġurisdizzjoni skont it-Taqsima 4 tar-Regolament 1215/2012?

- ➔ Hemm ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19?
  - ➔ Iva. Il-qorti teżamina jekk l-imputat (il-kummerċjant) hux qed jiġi mħarrek fil-post skont il-ftehim tal-għażla tal-qorti.
  - ➔ Le. Irreferi għall-Artikolu 18 u vverifika jekk il-qorti tistax tistabbilixxi jekk l-imputat (il-kummerċjant) huwiex qed jiġi mħarrek fil-post tas-sede tiegħu; jew fil-post fejn il-konsumatur huwa domiċiljat.

LE:

Għandi l-ġurisdizzjoni skont regoli oħra tar-Regolament 1215/2012?

## Dritt applikabbli

➔ *Liema dritt japplika għall-kuntratti konklużi minn konsumaturi?*

*1 - Il-kuntratt huwa kuntratt konkluż minn konsumatur fis-sens tal-Artikolu 6(1)?*

IVA:

Sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin

➔ *Il-kuntratt huwa konkluż minn konsumatur (persuna fiżika li taġixxi lil hinn mis-sengħa jew il-professjoni tagħha)*

➔ *Ma' professjonist (persuna oħra li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew il-professjoni tagħha)*

*kif ukoll*

➔ *Jiġi ssodisfat wieħed mill-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punti a) jew b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6:*

➔ *il-professjonist jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-konsumatur*

*jew*

➔ *il-professjonist jindirizza l-attivitajiet tiegħu lill-pajjiż tar-residenza abitwali tal-konsumatur (lil dak il-pajjiż biss jew lil diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż)*

LE:

Meta jkun hemm kuntratt bejn konsumatur u professjonist fis-sens tal-Artikolu 6(1) iżda l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punti a) jew b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 ma tiġi ssodisfata, irreferi għall-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament Ruma I biex tiddetermina d-dritt applikabbli.

*Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 1 tkun iva, f'dak il-każ dur għall-mistoqsija 2.*

*2 - Il-kuntratt jinkludi klawżola dwar l-għażla tad-dritt?*

IVA

➔ Il-qorti tapplika l-liġi magħżula – l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I

# VI. KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

➔ Iżda f'każ li jkun hemm regoli tal-liġi li ma jkunux derogabbli, u li fl-assenza tal-għażla jkunu applikabbli skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 6, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi.

LE:

Il-qorti għandha tapplika l-liġi tal-pajjiż li fih il-konsumatur huwa resident abitwali – l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma I.

## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://publications.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet